

Il-mezzosopran Maltija Clare Ghigo



L-arpista Florence Sitruk: ilha mill-anqas 15-il sena b'konnessjoni ma' Malta

# Kunċert b'kant akkumpanjat mill-arpa

Fil-bitħa ta' Mużew tal-Katidral fl-Imdina nhar l-Erbgħa 24 ta' Lulju fit-8pm se jsir kunċert mill-arpista Ġermaniża ta' fama internazzjonali Florence Sitruk. Se tieħu sehem ukoll il-mezzosopran Clare Ghigo.

Il-kunċert, bl-isem 'Esprit Méditerranéen, se jinkludi l-aktar mużika minn kompożituri tal-Mediterran, bħal de Falla u Albert Pace. Fil-fatt Sitruk offriet li tiġi Malta apposta biex iddoqq żewġ xogħlijiet tal-Ħamruniż Pace, li waħda minnhom, 'Un reste de suite' kien kkomponiha speċifikament għaliha u hi esegwit parti minnha għall-ewwel darba fil-Ġermanja fl-2004.

Il-biljett tad-dħul jinkludi żjara gwidata ta' partijiet mill-Mużew tal-Katidral fis-7pm qabel il-kunċert; filwaqt li fl-aħħar tal-kunċert ikun hemm drinks kif ukoll l-opportunità li wieħed jiltaqa' mal-artisti. Il-biljetti jew minn Ticketline.com.mt jew mill-istess Mużew tal-Katidral.

# It-tieni film bil-kanzunetti tal-Abba bħala ċineforum miċ-ĊAK



Dominic Cooper u Amanda Seyfried f'xena mill-film tas-sena li għaddiet 'Mamma Mia! Here We Go Again'

L-aħħar ċineforum miċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni (ĊAK) ta' Triq S. Sommier, Ta' Paris, Birkirkara qabel il-waqfa qasira għas-sajf se jsir għada l-Ġimgħa 19 ta' Lulju fis-7.30pm u se jkun jikkonsisti fil-film popolari ma' bosta 'Mamma Mia! Here Wo Go Again' li ħareġ fl-2018 u li fih esklussivament mużika tal-grupp Żvediż Abba.

B'reġija tal-Ingliż Ol Parker li twieled fl-1969 li hu miżżewweġ mal-attriċi Thandie Newton, il-film hu twil kważi sagħtejn, kollu kemm hu ppakkjat b'mużika tal-widna, żfin u allegrija li bla dubju ta' xejn jagħmel tajjeb biex wieħed jibda tmiem il-ġimgħa fuq nota tajba.

Fost l-atturi ewlenin, minbarra t-tnejn li jidhru fir-ritratt, insibu lil Andy Garcia, Celia Imrie, Alexa Davies, Julie Walters, Pierce Brosnan, Cher u Meryl Streep. F'parti żgħira jidher Bjorn Ulvaeus, li kien wieħed mill-erba' membri tal-Abba.

Il-film kellu baġit ta' 75 miljun dollaru Amerikan, biss diġà daħħal 395 miljun dollari, bla dubju storja ta' suċċess.

Il-film hu kklassifikat bħala Pg u tintalab donazzjoni mad-dħul.

**TLETIN SENA MILL-MEWT TAL-KITTIEB INGLIŻ NIGEL DENNIS.** Bħal għada 30 sena ilu, miet il-kittieb Ingliż ta' fama internazzjonali Nigel Dennis fl-età ta' 77 sena.

Fit-tfulija tiegħu aktar qatta' żmien f'Rhodesia u fl-Afrika t'Isfel milli fl-Ingilterra. L-ewwel mara tiegħu kienet Franċiża. Barra minn hekk għamel madwar 18-il sena jgħix fl-Istati Uniti.

Kiteb kemm rumanzi kif ukoll xogħlijiet għall-palk. L-ewwel rumanz kien 'Chalk and Cheese' li għalih kien użu l-'pen name' Richard Vaughan. L-aktar rumanz tiegħu magħruf hu dak tal-1955 'Cards of Identity, li wara hu stess adattah għall-palk

Għall-palk ukoll insibu diversi xogħlijiet tiegħu, fosthom 'A Credit to the Country' li hi adattament minn xogħol ta' Goldoni u li oriġinarjament kellha ssir għall-ewwel darba fin-National Theatre ta' Londra, iżda minflok saret biss hawn Malta fit-Teatru Manoel fl-1971.

Interessanti wieħed isemmi li Nigel, flimkien mat-tieni mara tiegħu Beatrice Ann Hewart Matthew, għamel numru ta' snin jgħix hawn Malta, fosthom l-Imdina, Ħal Għaxaq u f'Villa Alfino f'Ħal Lija.

Illum insibu triq f'Wied il-Għajn li hi msemmija għalih.




Il-faċċata tal-ktieb li Nigel Dennis kiteb dwar Malta fl-1972

# Il-poeta Davide Rondoni f'Malta għal Festival tal-Inizjamed

Fil-Forti Sant'Iermu , bejn it-18 u l-25 ta' Awwissu se ssir edizzjoni oħra tal-Festival - tal-Letteratura ta' Malta li issa ilu jkun organizzat mill-Inizjamed sa mill-2006.

Bħalma jiġri kull sena, minbarra parteċipanti minn Malta, ikun hemm diversi kittieba distinti barranin bħala mistiedna.

Fost dawk li diġà kkonfermaw is-sehem tagħhom għall-edizzjoni ta' din is-sena hemm il-poeta, kritiku u traduttur Davide Rondoni li twieled f'Forli fl-1964 iżda jgħix f'Bologna.

Fost oħrajn, flimkien ma' Franco Loi, Rondoni kien responsabbli minn antoloġija ta' poeżija Taljana ta' awturi diversi li nkitbu mill-1970 sal-lum.



Davide Rondoni... poeta rinomat li jgħix f'Bologna



Għada l-Ġimgħa 19 ta' Lulju fir-Rabat Għawdex issir dimostrazzjoni bl-ewwel statwa tal-festi esterni f'Għawdex ta' San Ġorġ Rebbieħ. Din l-istatwa, xogħol Vincenzo M. Cremona (1851-1912), din is-sena qed tfakkar il-125 minn meta saret.

(Ritratt: Carmelo Cremona)